

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Stada Arzneimittel AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 352, 1.10.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Frar 2020 – L-Ungerija vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-505/18) (¹)

(“FAEG u FAEŻR – Spejjeż esklużi mill-finanzjament – Għajjuna għall-iżvilupp rurali – Għajjuna mogħtija lill-gruppi ta’ produtturi – Spejjeż sostnuti mill-Ungerija – Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 – Rikonoxximent ikkwalfikat – Eliġibbiltà tal-benefiċjarju għall-għajjuna – Korrezzjoni finanzjarja kkalkulata – Artikolu 52(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 – Kooperazzjoni leali – Protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi – Proporzjonalità – Ċertezza legali – Ammonti mhux eliġibbli”)

(2020/C 95/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrenti: L-Ungerija (rappreżentanti: M. Fehér, M. Tátraí, A. Pokoraczki u G. Koós, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka u J. Aquilina, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/873 tat-13 ta’ Ġunju 2018 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea nefqa partikolari li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (il-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) (ĠU 2018, L 152, p. 29)

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) L-Ungerija hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 399, 5.11.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Frar 2020 – Hickies vs EUIPO (Forma ta' lazz ta' żarbun)

(Kawża T-573/18) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għal trade mark tridimensjonali tal-Unjoni Ewropea – Forma ta’ lazz ta’ żarbun – Raġuni assoluta għal rifjut – Nuqqas ta’ karattru distintiv – Artikolu 7(1) (b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Protezzjoni ta’ dritt relatat ma’ disinn preċedenti – Provi ppreżentati għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali”)

(2020/C 95/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Hickies, Inc. (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: I. Fowler, solicitor, u S. Petivlasova, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: H. O'Neill, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Ġunju 2018 (Każ R 2693/2017-5) dwar talba għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkonstitwit mill-forma ta' lazz ta' żarbun bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Hickies, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 408, 12.11.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Frar 2020 – Dalasa vs EUIPO – Charité – Universitätsmedizin Berlin (charantea)

(Kawża T-732/18) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea charantea – Trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea CHARITÉ – Raġuni relattiva għal rifjut – Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2020/C 95/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Dalasa Handelsgesellschaft mbH (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: I. Hödl, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Söder, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Charité – Universitätsmedizin Berlin, Gliedkorperschaft Öffentlichen Rechts (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Wulff u K. Schmidt-Hern, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Ottubru 2018 (Każ R 539/2018-4) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Charité u Dalasa.

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-15 ta' Ottubru 2018 (Każ R 539/2018-4) hija annullata.
- 2) L-EUIPO għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk sostnuti minn Dalasa Handelsgesellschaft mbH matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.